# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 209

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

16 ta' Lulju 2014

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 763/2014 tal-11 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fir-rigward tal-karatteristiċi tekniċi tal-miżuri ta' informazzjoni u pubbliċità u l-istruzzjonijiet għall-ħolqien tal-emblema tal-Unjoni** ..... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 764/2014 tal-11 ta' Lulju 2014 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** ..... 5

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 765/2014 tal-11 ta' Lulju 2014 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** ..... 7

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 766/2014 tal-11 ta' Lulju 2014 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** ..... 9

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 767/2014 tal-11 ta' Lulju 2014 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** ..... 12

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 768/2014 tal-11 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi projbizzjoni għas-sajd tal-alfonsinos fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali fiż-żoni III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** ..... 14

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 769/2014 tal-11 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-pollakkju iswed fiż-żona VI; L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, XII u XIV minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** ..... 16

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 770/2014 tal-11 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-arġentina silus fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni III u IV minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda** ..... 18

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 771/2014 tal-14 ta' Lulju 2014 li jistipula regoli skont ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fir-rigward tal-mudell għall-programmi operattivi, fir-rigward tal-istruttura tal-pjanijiet ta' kumpens tal-kostijiet addizzjonali mġarrba mill-operaturi fis-sajd, fit-trobbija, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni l-aktar imbiegħda, fir-rigward tal-mudell għat-trażmissjoni ta' dejta finanzjarja, fir-rigward tal-kontenut tar-rapporti ta' evalwazzjoni ex-ante u r-rekwiżiti minimi għall-pjan ta' evalwazzjoni li għandu jitressaq fil-qafas tal-FEMS** ............ 20

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 772/2014 tal-14 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli dwar l-intensità tal-għajnuna pubblika li għandha tiġi applikata għan-nefqa eliġibbli totali ta' ċerti operazzjonijiet iffinanzjati taħt il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd** ............ 47

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 773/2014 tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ............ 49

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 774/2014 tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mis-16 ta' Lulju 2014 ............ 51

DEĊIŻJONIJIET

2014/462/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2014 li taħtar membri u membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-Ungerija** ............ 54

2014/463/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2014 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' żejt mill-mikroalga *Schizochytrium sp.* bħala ingredjent ġdid tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet 2003/427/KE u 2009/778/KE** *(notifikata bid-dokument C(2014) 4670)* ............ 55

2014/464/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Lulju 2014 li tidentifika l-prijoritajiet tal-Unjoni għall-politika ta' infurzar u kontroll fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd** ............ 59

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 763/2014

**tal-11 ta' Lulju 2014**

**li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fir-rigward tal-karatteristiċi tekniċi tal-miżuri ta' informazzjoni u pubbliċità u l-istruzzjonijiet għall-ħolqien tal-emblema tal-Unjoni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 119(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 119 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 jistabbilixxi regoli ġenerali fir-rigward tal-informazzjoni u l-pubbliċità li għandhom jiġu applikati lill-programmi operazzjonali u l-operazzjonijiet kollha ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd ('FEMS'). Regoli dettaljati li jikkonċernaw il-miżuri ta' informazzjoni u pubbliċità għall-applikanti u l-benefiċjarji huma stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

(2) Sabiex tiġi żgurata identità viżwali armonizzata għal miżuri ta' informazzjoni u komunikazzjoni għall-operazzjonijiet fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni, inkluż operazzjonijiet iffinanzjati mill-FEMS, għandhom jiġu stabbiliti l-istruzzjonijiet għall-ħolqien ta' emblema tal-Unjoni u definizzjoni tal-kuluri standard, kif ukoll karatteristiċi tekniċi għall-wiri tal-emblema tal-Unjoni u r-referenza għall-Fond jew Fondi li jappoġġaw l-operazzjoni.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Rikonoxximent tal-appoġġ mill-Fond Marittimu u tas-Sajd**

L-Istat Membru jew l-awtorità ta' ġestjoni għandhom ikunu responsabbli milli jiżguraw li l-miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità kollha mmirati lejn il-benefiċjarji, il-benefiċjarji potenzjali u l-pubbliku jirrikonoxxu s-sostenn mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd lill-operazzjoni rilevanti billi juru:

(a) (a) l-emblema tal-Unjoni, skont l-Artikolu 2, flimkien ma' referenza għall-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 3;

(b) referenza għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, jew, fil-każ ta' operazzjoni ta' finanzjament minn diversi sorsi, referenza għall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment, f'konformità mal-Artikolu 4.

([1]) ĠU L 149 20.5.2014, p. 1.

*Artikolu 2*

**L-emblema tal-Unjoni**

1. L-emblema tal-Unjoni tinħoloq skont l-istandards grafiċi stabbiliti fl-Anness.

2. Fuq websajts, l-emblema tal-Unjoni għandha tintwera bil-kulur. Fuq il-midja l-oħra kollha, il-kulur għandu jintuża kull meta jkun possibbli. Verżjoni monokromatika tista' tintuża biss f'każijiet ġustifikati.

3. L-emblema tal-Unjoni għandha dejjem tidher ċara u tkun imqiegħda f'pożizzjoni prominenti. Il-pożizzjoni u d-daqs tagħha għandhom ikunu xierqa għall-iskala tal-materjal jew tad-dokument li jkun qed jiġi użat. L-għoli minimu tal-emblema tal-Unjoni għandu jkun 1 ċm. Għal oġġetti promozzjonali iżgħar, l-għoli minimu tal-emblema tal-Unjoni jkun 5 mm.

4. Meta l-emblema tal-Unjoni u r-referenza għall-Fond rilevanti jintwerew fuq websajt, dawn għandhom ikunu jidhru fil-parti viżwali tal-apparat diġitali, mingħajr ma l-utent ikollu jiskrollja 'l isfel fil-paġna.

5. Jekk jintwerew logos oħrajn ħdejn l-emblema tal-Unjoni, l-emblema tal-Unjoni għandu jkollha mill-inqas l-istess daqs, imkejjel f'għoli u wisgħa, daqs l-akbar wieħed mil-logos l-oħrajn. Huwa rrakkomandat li l-emblema tal-UE titqiegħed lil hinn sew mil-logo tal-organizzazzjoni tal-parti terza.

*Artikolu 3*

**Referenza għall-Unjoni Ewropea'**

1. L-isem Unjoni Ewropea dejjem jinkiteb sħiħ. It-tipa li tintuża flimkien mal-emblema tal-Unjoni tista' tkun kwalunkwe waħda minn dawn il-fonts: Arial, Auto, Calibri, Garamond, Trebuchet, Tahoma, u Verdana. Varjazzjonijiet bil-korsiv u sottolineati u l-użu ta' tipa bl-effetti mhumiex permessi.

2. Il-pożizzjoni tat-test f'relazzjoni mal-emblema tal-Unjoni mhix preskritta b'xi mod partikolari iżda t-test ma għandu bla ebda mod jinterferixxi mal-emblema.

3. Id-daqs tat-tipa użata jkun proporzjonat għad-daqs tal-emblema. Il-kulur tat-tipa għandu jkun blu reflex, iswed jew abjad skont l-isfond.

*Artikolu 4*

**Referenza għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd**

Meta l-emblema tal-Unjoni u r-referenza għall-Fond rilevanti jintwerew fuq websajt, dawn għandhom jidhru fil-parti viżwali tal-apparat diġitali, mingħajr ma l-utent ikollu jiskrollja 'l isfel fil-paġna.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jose Manuel BARROSO

*ANNESS*

**Standards grafiċi għall-ħolqien tal-emblema tal-Unjoni u d-definizzjoni tal-kuluri standard**

Għad-dettalji sħaħ u gwida ara:

http://ec.europa.eu/dgs/communication/services/visual_identity/pdf/use-emblem_en.pdf

**DESKRIZZJONI SIMBOLIKA**

Fuq sfond ta' sema blu, tnax-il stilla tad-deheb jiffurmaw ċirku li jirrappreżenta l-unjoni tal-popli tal-Ewropa. In-numru ta' stilel huwa fiss, u tnax huwa s-simbolu tal-perfezzjoni u l-unità.

**DESKRIZZJONI ARALDIKA**

Fuq sfond ta' ikħal ċar, ċirku ta' tnax-il stilla tad-deheb (*mullets*), u l-ponot tagħhom ma jmissux.

**DESKRIZZJONI ĠEOMETRIKA**




L-emblema hi forma ta' bandiera rettangolari blu bil-wisa' tal-perpura (in-naħa ta' barra) darba u nofs it-tul tal-fissa (in-naħa ta' mal-arblu). Tnax-il stilla tad-deheb li jinsabu f'intervalli ndaqs jiffurmaw ċirku inviżibbli li ċ-ċentru tiegħu huwa l-punt fejn jaqsmu d-djagonali tar-rettangolu. Ir-raġġ taċ-ċirklu hu daqs terz tat-tul tal-fissa. Kull waħda mill-istilel għandha ħames ponot li jinsabu fiċ-ċirkonferenza ta' ċirku inviżibbli b' raġġ daqs wieħed minn tmintax tat-tul tal-fissa. L-istilel kollha rashom 'il fuq, jiġifieri b'ponta vertikali u żewġ ponot f'linja dritta f'angoli retti mal-arblu. Iċ-ċirku rranġat sabiex l-istilel ikunu fil-pożizzjoni tas-sigħat fuq il-wiċċ ta' arloġġ. L-għadd tagħhom ma jinbidilx.

**IL-KULURI REGOLAMENTARI**

L-emblema għandha dawn il-kuluri:

— BLU REFLEX PANTONE għall-wiċċ tar-rettangolu:

— ISFAR PANTONE għall-istillel.

**IL-PROĊESS TA' ERBA' KULURI**

Jekk jintuża l-proċess ta' erba' kuluri, erġa' oħloq iż-żewġ kuluri standard billi tuża l-erba' kuluri tal-proċess ta' erba' kuluri.

L-ISFAR PANTONE jinkiseb bl-użu ta' 100 % "Process Yellow".

IL-BLU REFLEX PANTONE jinkiseb bit-taħlita ta' 100 % "Process Cyan" u 80 % "Process Magenta".

**INTERNET**

Il-BLU REFLEX PANTONE jikkorrispondi fil-kulur tal-paletta tal-web RGB:0/51/153 (eżadeċimali 003399): u l-ISFAR PANTONE jikkorrispondi fil-kulur tal-paletta tal-web RGB: 255/204/0 (eżadeċimali: FFCC00).

**IL-PROĊESS TAR-RIPRODUZZJONI MONOKROMATIKA**

Bl-iswed, pinġi r-rettangolu bl-iswed u stampa l-istilel bl-iswed fuq l-abjad.



Meta tuża l-blu (Blu Reflex), uża 100 % bl-istilel riprodotti f'abjad negattiv.



**RIPRODUZZJONI FUQ SFOND KULURIT**

Jekk ma hemmx alternattiva għal sfond ikkulurit, poġġi bordura bajda mar-rettangolu, b'wisa' li hu daqs 1/25 tal-għoli tar-rettangolu.



# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 764/2014

## tal-11 ta' Lulju 2014

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta'din it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([2]). Dan il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-merkanzija deskritta fil-kolonna (1) tat-tabella li tinsab fl-Anness hija kklassifikata fin-Nomenklatura Magħquda skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

---

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
([2]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*
*F'isem il-President,*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

---

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Prodott ippreżentat bħala kapsuli mingħajr kulur mimlija bi trab safrani, ippreżentat għall-bejgħ bl-imnut fi flixkun tal-plastik żgħir li fuqu għandu tikketta, b'tapp tal-kamin, li fih 60 kapsula. Kull kapsula jkun fiha l-komponenti li ġejjin:<br>— -idroklorid tal-glukosamin (300 mg),<br>— -sulfat tal-kondrojtin,<br>— -metan tas-sulfonil tal-metil,<br>— -kwantitajiet żgħar ta' esteri ta' aċidu askorbiku (vitamina C).<br>Skont it-tabella l-prodott huwa ppreżentat bħala suppliment tal-ikel għall-konsum mill-bnedmin. Id-doża ta' kuljum rakkomandata indikata fuq it-tikketta hija ta' tliet kapsuli. | 2106 90 92 | Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 sa 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, nota addizzjonali 5 għall-Kapitolu 21 u l-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 2106, 2106 90 u 2106 90 92.<br>Fil-kunsiderazzjoni tad-doża ta' kuljum rakkomandata, indikata fuq it-tikketta, il-prodott m'għandux karatteristiċi profilattiċi jew terapewtiċi ddefiniti b'mod ċar. Konsegwentement, ma jistax jiġi kklassifikat bħala mediċina taħt l-intestatura 3004.<br>Peress illi l-prodott huwa preparazzjoni tal-ikel ippreżentat f'forma ta' dożi mkejla u intenzjonat biex jintuża bħala suppliment għal mal-ikel, ir-rekwiżiti tan-nota addizzjonali 5 tal-Kapitolu 21 huma ssodisfati.<br>Għalhekk, il-prodott irid jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 2106 bħala preparazzjoni tal-ikel, li mhux speċifikat jew inkluż band'oħra. |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 765/2014

## tal-11 ta' Lulju 2014

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqu, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([2]). Dan il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella li tinsab fl-Anness huma kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni vinkolanti tat-tariffa li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*F'isem il-President,*

Algirdas ŠEMETA

*Membru tal-Kummissjoni*

---

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (kodiċi NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Taħlita ta' frott iffriżat li tikkonsisti minn (% bil-piż):<br>frawli 55<br>banana 20<br>ananas 15<br>mirtill 10<br><br>Il-prodott jitpoġġa f'boroż li jkun fihom il-frott iffriżat f'biċċiet lesti biex jitħalltu f'mikser. | 0811 10 90 | Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċijiet NM 0811, 0811 10 u 0811 10 90.<br><br>Il-prodott huwa taħlita ta' frott iffriżati differenti. Il-karattru essenzjali tiegħu jingħata mill-frawli peress li dawn jikkostitwixxu l-akbar proporzjon tal-prodott.<br><br>Għaldaqstant, il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 0811 10 90 bħala frawli. |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 766/2014**

**tal-11 ta' Lulju 2014**

**dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqu, jew li żżid kwalunkwe sottodiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM indikati fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([2]). Dan il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċijiet NM indikati fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*F'isem il-President*

Algirdas ŠEMETA

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (kodiċi NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| 1. Prodott ippreżentat f'forma likwida u ppreżentat għall-bejgħ bl-imnut fi fliexken b'kontenut ta' 200 ml, 500 ml jew 1 000 ml.<br>Il-prodott jikkonsisti minn:<br>— klorur tas-sodju (0,9 %),<br>— ilma sterili.<br>Kull flixkun huwa mgħammar bi skutella okulari ergonomika, tapp għal kontra t-trab u huwa għal użu uniku.<br>Skont it-tikketta, il-prodott jintuża għat-tlaħliħ tal-għajnejn f'każ ta' emerġenza biex jitneħħew organiżmi barranin u kimiċi. | 3307 90 00 | Il-Klassifikazzjoni hija stabbilita mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (GIR), in-nota 2 tat-Taqsima VI, in-nota 3 tal-Kapitolu 33 kif ukoll il-kliem tal-kodiċijiet NM 3307 u 3307 90 00.<br>Peress li l-prodott hu ppreżentat f'pakketti ta' tip li jinbiegħu bl-imnut, tajjeb għal użu bħala preparati kożmetiċi jew tat-twaletta, huwa kkunsidrat bħala preparati kożmetiċi jew tat-twaletta. Il-klassifikazzjoni tiegħu f'Kapitolu 25 jew Kapitolu 30 hija għalhekk eskluża (ara n-nota 2(d) tal-Kapitolu 25 u n-nota 1(e) tal-Kapitolu 30).<br>Il-prodott għandu għalhekk jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 3307 bħala preparati kożmetiċi jew tat-twaletta, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra. |
| 2. Prodott ippreżentat f'forma likwida u ppreżentat għall-bejgħ bl-imnut fi fliexken b'kontenut ta' 200 ml, jew 1000 ml.<br>Il-prodott jikkonsisti minn:<br>— fosfat disodju (1 — 5 %),<br>— fosfat tal-potassju (1 %),<br>— ilma sterili.<br>Kull flixkun huwa mgħammar bi skutella okulari ergonomika, tapp għal kontra t-trab u huwa għal użu uniku.<br>Skont it-tikketta, il-prodott jintuża għat-tlaħliħ tal-għajnejn f'każ ta' emerġenza biex jiġu nnewtralizzati aċidi u alkali mill-għajnejn. | 3307 90 00 | Il-Klassifikazzjoni hija stabbilita mil-GIR 1 u 6, in-nota 2 tat-Taqsima VI, in-nota 3 tal-Kapitolu 33 kif ukoll il-kliem tal-kodiċijiet NM 3307 u 3307 90 00.<br>Peress li l-prodott mhux kompost separat definit b'mod kimiku, il-klassifikazzjoni tiegħu fl-intestatura 2835 bħala fosfati hija eskluża (ara n-nota 1 tal-Kapitolu 28).<br>Peress li l-prodott hu ppreżentat f'pakketti ta' tip li jinbiegħu bl-imnut, tajjeb għal użu bħala preparati kożmetiċi jew tat-twaletta, huwa kkunsidrat bħala preparati kożmetiċi jew tat-twaletta. Il-klassifikazzjoni tiegħu f'Kapitolu 30 hija għalhekk eskluża (ara n-nota 1(e) tal-Kapitolu 30).<br>Il-prodott għandu għalhekk jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 3307 bħala preparati kożmetiċi jew tat-twaletta, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra. |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 767/2014**

**tal-11 ta' Lulju 2014**

**dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqu, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta'din it-tabella.

(4) Huwa xieraq li tiġi pprovduta din l-informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([2]). Dan il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella li tinsab fl-Anness hija kklassifikata fin-Nomenklatura Magħquda skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni vinkolanti tat-tariffa li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*F'isem il-President,*

Algirdas ŠEMETA

*Membru tal-Kummissjoni*

---

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (kodiċi NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Prodott magħmul minn blokka taljarini niexfa u msajra minn qabel (bejn wieħed u ieħor 65 g), qartas bit-taħwir (bejn wieħed u ieħor 3,4 g), qartas b'żejt għall-ikel (bejn wieħed u ieħor 2 g), u qartas bi ħxejjex imnixxfa (bejn wieħed u ieħor 0,8 g).<br><br>Il-prodott huwa ppreżentat bħala sett (ippakkjat flimkien) imqiegħed għall-bejgħ bl-imnut għall-preparazzjoni ta' platt taljarini.<br><br>Skont l-istruzzjonijiet stampati fuq l-imballaġġ, ilma jagħli għandu jiġi miżjud qabel il-konsum. | 1902 30 10 | Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (GIR) u l-kliem tal-kodiċijiet NM 1902, 1902 30 u 1902 30 10.<br><br>Il-prodott huwa sett għall-bejgħ bl-imnut skont it-tifsira tal-GIR 3(b). Il-karattru essenzjali tal-prodott jingħata permezz tat-taljarini meta jiġi kkunsidrat li huma jikkostitwixxu l-ikbar proporzjon tiegħu. Il-klassifikazzjoni tal-prodott taħt l-intestatura 2104 bħala sopop jew brodu jew preparazzjonijiet tiegħu hija għalhekk eskluża.<br><br>Il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 1902 bħala għaġin, kemm jekk imsajjar kemm jekk mimli jew kemm jekk ippreparat mod ieħor u kemm jekk le. |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 768/2014

## tal-11 ta' Lulju 2014

## li jistabbilixxi projbizzjoni għas-sajd tal-alfonsinos fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali fiż-żoni III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1262/2012 ([2]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2014.

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2014.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd għall-2014 allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1262/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012 li jiffissa għall-2013 u l-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 356, 22.12.2012, p. 22).

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*F'isem il-President,*

Lowri EVANS

*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 08/DSS |
| Stat Membru | Spanja |
| Stokk | ALF/3X14- |
| Speċi | Alfonsinos (*Beryx spp.*) |
| Żona | L-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali taż-żoni III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV |
| Data tal-għeluq | 17.5.2014 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 769/2014

## tal-11 ta' Lulju 2014

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-pollakkju iswed fiż-żona VI; L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, XII u XIV minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 ([2]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2014.

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament, minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2014.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd għall-2014 allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*F'isem il-President,*

Lowri EVANS

*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Jannar 2014 li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2014, p. 1).

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 09/TQ43 |
| Stat Membru | Spanja |
| Stokk | POK/56-14 |
| Speċi | Pollakkju iswed *(Pollachius virens)* |
| Żona | VI; L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, XII u XIV |
| Data tal-għeluq | 23.6.2014 |

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 770/2014**

**tal-11 ta' Lulju 2014**

**li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-arġentina silus fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni III u IV minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Irlanda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 ([2]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2014.

(2) Skont l-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, il-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2014.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd għall-2014 allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*F'isem il-President,*

Lowri EVANS

*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2014 tal-20 ta' Jannar 2014 li jiffissa għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 24, 28.1.2014, p. 1).

*ANNESSI*

| | |
|---|---|
| Nru | 10/TQ43 |
| Stat Membru | L-Irlanda |
| Stokk | ARU/34-C |
| Speċi | Arġentina silus (*Argentina silus*) |
| Żona | L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni III u IV |
| Data tal-għeluq | 25.6.2014 |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 771/2014

## tal-14 ta' Lulju 2014

## li jistipula regoli skont ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fir-rigward tal-mudell għall-programmi operattivi, fir-rigward tal-istruttura tal-pjanijiet ta' kumpens tal-kostijiet addizzjonali mġarrba mill-operaturi fis-sajd, fit-trobbija, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni l-aktar imbiegħda, fir-rigward tal-mudell għat-trażmissjoni ta' dejta finanzjarja, fir-rigward tal-kontenut tar-rapporti ta' evalwazzjoni ex-ante u r-rekwiżiti minimi għall-pjan ta' evalwazzjoni li għandu jitressaq fil-qafas tal-FEMS

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikulari l-Artikoli 18(3), 72(3), 98(2), u 115(1) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, jeħtieġ li jiġu adottati dispożizzjonijiet li jistipulaw:

— il-mudell għat-tressiq ta' programmi operattivi li jikkonċernaw miżuri li għandhom jiġu kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS);

— l-istruttura tal-pjanijiet għall-kumpens tal-kostijiet addizzjonali mġarrba mill-operaturi fis-sajd, fit-trobbija, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni l-aktar imbiegħda msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE ("pjanijiet ta' kumpens");

— il-mudell għat-trażmissjoni mill-Istati Membri ta' dejta finanzjarja b'rabta mat-tbassir tal-ammont li għalih ikunu mistennija li jressqu applikazzjonijiet għall-ħlas;

— l-elementi li għandhom jiġu inklużi fir-rapporti dwar l-evalwazzjoni ex-ante tal-programmi operattivi; u

— ir-rekwiżiti minimi għall-pjanijiet dwar l-evalwazzjoni tal-programmi operattivi matul il-perjodu ta' programmar.

(2) Dawk id-dispożizzjonijiet huma marbutin mill-qrib, billi jikkonċernaw aspetti differenti tal-kontenut u tal-preżentazzjoni tal-programmi operattivi u l-pjanijiet ta' kumpens li għandhom jitressqu mill-Istati Membri fil-qafas tal-FEMS. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza meħtieġa bejn dawk id-dispożizzjonijiet, li għandhom jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin, u biex titħaffef l-applikazzjoni tagħhom mill-awtorità ta' ġestjoni, huwa mixtieq li dawk id-dispożizzjonijiet jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.

(3) Il-mudell għall-programmi operattivi għandhom jarmonizza l-preżentazzjoni tad-dejta f'kull sezzjoni tal-programm operattiv. Dan huwa meħtieġ sabiex ikun żgurat li d-dejta tkun konsistenti, komparabbli u, fejn meħtieġ, li tkun tista' tiġi aggregata.

(4) Il-mudell għall-programmi operattivi se jifforma l-bażi għall-iżvilupp tas-sistema tal-iskambju tad-dejta elettronika msemmija fl-Artikolu 74(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) fir-rigward tal-programmi operattivi. Il-mudell għalhekk għandu jistabbilixxi l-mod kif id-dejta dwar il-programmi operattivi tkun se tiddaħħal fis-sistema tal-iskambju ta' dejta elettronika. Madankollu, dan m'għandux jaffettwa l-preżentazzjoni finali tal-programmi operattivi, inkluż it-tqassim tat-test u t-tabelli, billi s-sistema tal-iskambju ta' dejta elettronika għandha tippermetti strutturar u preżentazzjoni differenti tad-dejta li tkun iddaħħlet f'din is-sistema.

([1]) ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(5) Il-mudell għall-programmi operattivi għandu jirrifletti l-kontenut tal-programm operattiv stabbilit fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet konsistenti għad-dħul tad-data, il-mudell għandu jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' kull sezzjoni fis-sistema tal-iskambju ta' dejta elettronika. Minbarra d-data strutturata, il-mudell għandu jipprovdi għall-possibbiltà li tiġi ppreżentata informazzjoni mhux strutturata fil-forma ta' annessi obbligatorji jew mhux obbligatorji. Għal dawn l-annessi, m'hemmx bżonn li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi.

(6) L-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 jistipula li l-Istati Membri kkonċernati għandhom iressqu lill-Kummissjoni pjan għall-kumpens tal-kostijiet addizzjonali mġabbra mill-operaturi fis-sajd, fit-trobbija, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni l-iktar imbiegħda msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE.

(7) Skont l-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, dawk il-pjanijiet ta' kumpens għandhom jinkludu wkoll informazzjoni dwar għajnuna mill-istat mogħtija mill-Istati Membri fil-forma ta' finanzjament addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' kumpens.

(8) L-istruttura tal-pjan ta' kumpens għandha tiżgura l-konsistenza u l-kwalità tal-informazzjoni, livell minimu ta' dettall u format standardizzat. Barra minn hekk, għandha tippermetti li jsir paragun fost ir-reġjuni kkonċernati, kif ukoll bejn snin differenti ta' implimentazzjoni.

(9) L-istruttura tal-pjan ta' kumpens għandha tinkludi t-tqassim, skont ir-reġjun l-aktar imbiegħed, tal-lista ta' prodotti eliġibbli tas-sajd u l-akkwakultura u t-tip ta' operaturi msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

(10) L-istruttura tal-pjan ta' kumpens għandha tinkludi wkoll il-livell ta' kumpens ikkalkulat skont l-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014..

(11) L-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 jistipula li l-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni tbassir tal-ammont li għalih huma mistennija li jressqu applikazzjonijiet għal ħlas għas-sena finanzjarja kurrenti u għas-sena ta' wara.

(12) Il-mudell li għandu jintuża mill-Istati Membri meta jressqu dak it-tbassir għandu jiżgura li informazzjoni uniformi tkun għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni mingħajr dewmien, sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u sabiex jiġu pprovduti l-mezzi għal implimentazzjoni effettiva tal-programm filwaqt li tithaffef il-ġestjoni finanzjarja.

| Baġit | Ammont annwali totali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema (6) | Munita nazzjonali … (ammonti sħaħ)<br>……………………………………………… |
| | Ammont globali tal-għajnuna *ad hoc* mogħtija lill-impriża (7) | Munita nazzjonali … (ammonti sħaħ)<br>……………………………………………… |
| | ☐ Għal garanziji (8) | Munita nazzjonali … (ammonti sħaħ)<br>……………………………………………… |
| Strument ta' għajnuna | ☐ Għotja/Sussidju tar-rata tal-imgħax | |
| | ☐ Selfa/Ħlasijiet bil-quddiem ripagabbli | |
| | ☐ Garanzija (fejn ikun xieraq b'referenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni (9)) | |
| | ☐ Benefiċċju fuq it-taxxa jew eżenzjoni mit-taxxa | |
| | ☐ Forniment ta' finanzjament ta' riskju | |
| | ☐ Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)… | |

| | |
|---|---|
| Motivazzjoni | Indika għaliex ġiet stabbilita skema ta' għajnuna mill-Istat jew ingħatat għajnuna ad hoc, minflok assistenza taħt il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS):<br>☐ miżura mhux koperta mill-programm operattiv nazzjonali;<br>☐ prijoritizzazzjoni fl-allokazzjoni tal-fondi taħt il-programm operattiv nazzjonali;<br>☐ finanzjament mhux aktar disponibbli taħt il-FEMS;<br>☐ oħrajn (jekk jogħġbok speċifika) |

(1) NUTS — Klassifikazzjoni ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika. Tipikament, ir-reġjun huwa speċifikat fil-livell 2. Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1.

(2) Impriża għall-finijiet tar-regoli dwar il-kompetizzjoni stabbiliti fit-Trattat u għall-finijiet ta' dan ir-Regolament hija kwalunkwe entità involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tagħha u l-mod kif tkun iffinanzjata. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-entitajiet li jkunu kkontrollati (fuq bażi legali jew de facto) mill-istess entità għandhom jitqiesu bħala impriża waħda.

(3) Il-perjodu li matulu l-awtorità tal-għoti tista' timpenja ruħha li tagħti l-għajnuna.

(4) "data tal-għoti tal-għajnuna" tfisser id-data meta d-dritt legali tar-riċeviment tal-għajnuna jiġi konferit fuq il-benefiċjarju skont ir-reġim legali nazzjonali applikabbli

(5) NACE Rev. 2 — Klassifikazzjoni statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea. Tipikament, is-settur għandu jiġi speċifikat fil-livell ta' grupp.

(6) Fil-każ ta' skema ta' għajnuna: Indika l-ammont globali annwali tal-baġit ippjanat taħt l-iskema jew it-telf stmat ta' taxxa kull sena għall-istrumenti kollha ta' għajnuna kontenuti fl-iskema.

(7) Fil-każ ta' għoti ta' għajnuna *ad hoc*: Indika l-ammont globali ta' għajnuna/telf ta' taxxa.

(8) Għall-garanziji, indika l-ammont (massimu) tas-self garantit.

(9) Fejn ikun xieraq, referenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-metodoloġija għall-kalkolu tal-ekwivalenti tal-għotja grossa.

*ANNESS III*

**Previżjoni tal-ammont li għalih l-Istat Membru jistenna li jissottometti applikazzjonijiet għal ħlas għas-sena finanzjarja attwali u dik ta' warajha**

| | Kontribuzzjoni tal-Unjoni (f'EUR) | | |
|---|---|---|---|
| | [sena finanzjarja attwali] | | [sena finanzjarja ta' wara] |
| | Jannar — Ottubru | Novembru — Diċembru | Jannar- Diċembru |
| **Programm operattiv (CCI)** | <*type*=”N” *input*=”M”> | <*type*=”N” *input*=”M”> | <*type*=”N” *input*=”M”> |

*ANNESS IV*

## Elementi li għandhom ikunu inklużi f'rapport ta' evalwazzjoni ex ante

SEZZJONI I: INTRODUZZJONI

1. Għan u objettivi tal-evalwazzjoni ex ante
2. Deskrizzjoni tal-passi meħuda fit-twettiq tal-evalwazzjoni ex ante
3. Interazzjonijiet bejn l-evalwatur ex ante, l-Awtorità ta' Ġestjoni u l-evalwatur tas-SEA

SEZZJONI II: IR-RAPPORT TA' EVALWAZZJONI EX-ANTE

1. **Analiżi SWOT u valutazzjoni tal-ħtiġijiet**

2. **Strateġija u struttura tal-Programm Operattiv**

2.1 Kontribut għall-Istrateġija "Ewropa 2020"

2.2 Kontribut għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd

2.3 Konsistenza mas-CSF, il-Ftehim ta' Shubija, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u strumenti rilevanti oħra

2.4 Il-loġika tal-intervent tal-programm

2.5 Forom proposti ta' appoġġ

2.6 Kontribut mistenni tal-miżuri magħżula sabiex jintlaħqu l-miri

2.7 Konsistenza tal-allokazzjoni baġitarja mal-objettivi

2.8 Dispożizzjonijiet għas-CLLD

2.9 Użu tal-Assistenza Teknika

2.10 Rilevanza u koerenza tal-programm

3. **Valutazzjoni tal-miżuri meħuda sabiex jiġu mmonitorjati l-progress u r-riżultati tal-PO**

3.1 Valuri kwantifikati tal-miri għall-indikaturi

3.2 Idoneità tal-istadji importanti għall-qafas tal-prestazzjoni

3.3 Sistema proposta ta' monitoraġġ u evalwazzjoni

3.4 Il-Pjan ta' Evalwazzjoni

4. **Valutazzjoni tal-arranġamenti ppjanati għall-implimentazzjoni tal-PO**

4.1 Adegwatezza tal-kapaċità umana u amministrattiva għall-ġestjoni

4.2 Tnaqqis tal-piż amministrattiv

5. **Il-valutazzjoni tat-temi orizzontali**

5.1 Promozzjoni tal-opportunitajiet indaqs, prevenzjoni tad-diskriminazzjoni

5.2 Promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 772/2014

## tal-14 ta' Lulju 2014

## li jistabbilixxi r-regoli dwar l-intensità tal-għajnuna pubblika li għandha tiġi applikata għan-nefqa eliġibbli totali ta' ċerti operazzjonijiet iffinanzjati taħt il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 95(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 jistabbilixxi fl-Artikolu 95(1) regoli ġenerali fir-rigward l-intensità tal-għajnuna pubblika li għandha tiġi applikata għan-nefqa eliġibbli totali ta' operazzjoni ffinanzjata taħt il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd ("FEMS").

(2) Permezz ta' deroga, l-Artikolu 95(4) jipprovdi għal punti perċentwali addizzjonali ta' intensità tal-għajnuna pubblika applikabbli għal tipi speċifiċi ta' operazzjonijiet li huma stabbiliti fl-Anness I tar- Regolament (UE) Nru 508/2014. Fl-istess ħin, sabiex ma jipperikolawx is-sostenibbiltà tar-riforma tal-politika komuni tas-sajd ("PKS"), l-Artikoli 94(3)(c) u l-Artikolu 69(2) tar- Regolament (UE) Nru 508/2014 jillimitaw l-appoġġ tal-FEMS għal ċerti tipi ta' operazzjonijiet billi jimponu rata ta' kofinanzjament mnaqqsa. Din il-loġika hija riflessa wkoll fil-livelli differenti ta' punti perċentwali addizzjonali ta' intensità ta' għajnuna elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 508/2014. Il-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tista' għalhekk twassal għal żieda ta' punti perċentwali ta' intensità tal-għajnuna pubblika jew għandha twassal għal tnaqqis ta' punti perċentwali ta' intensità tal-għajnuna pubblika.

(3) Hu għalhekk meħtieġ li jiġi żgurat li l-akkumulazzjoni ta' punti perċentwali addizzjonali ta' intensità tal-għajnuna f'każ ta' konformità ma' diversi kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' operazzjoni waħda ma tipperikolax l-objettivi tal-PKS u ma twassalx għal kumpens żejjed jew distorsjoni eċċessiva tar-regoli tas-suq fis-setturi tas-sajd u l-akwakultura.

(4) Għalhekk, fejn operazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 li jippermettu żieda addizzjonali ta' punti perċentwali, l-Istati Membri jistgħu japplikaw intensità ta' għajnuna pubblika akbar. Madankollu, fil-każ ta' konformità ma' aktar minn kundizzjoni waħda tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 li jippermetti għal bosta żidiet f'punti perċentwali f'dak li għandu x'jaqsam ma' operazzjoni waħda, iż-żieda possibbli għandha tkun limitata għall-akbarżieda. Madankollu, fil-każ ta' konformità ma' aktar minn kundizzjoni waħda tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 li jimponi tnaqqis fil-punti perċentwali f'dak li għandu x'jaqsam ma' operazzjoni waħda, it-tnaqqis għandu jkun limitat għall-akbar tnaqqis.

(5) Fl-aħħarnett, sabiex ikun hemm konformità ma' obbligu biex jitnaqqsu punti perċentwali għal ċerti tipi ta' operazzjonijiet stipulati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, fejn operazzjoni tista' tibbenefika minn waħda jew diversi żidiet u tnaqqis ta' punti perċentwali fl-istess ħin minħabba l-konformità ma' diversi kriterji skont l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, iż-żidiet possibbli għandhom jiġu injorati u l-akbar tnaqqis biss għandu jiġi applikat.

(6) Sabiex il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu applikati mingħajr dewmien, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd,

([1]) ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Intensità speċifika tal-għajnuna pubblika**

Fejn diversi kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tar- Regolament (UE) Nru 508/2014 huma sodisfati fir-rigward ta' operazzjoni waħda, id-diversi żidiet u tnaqqis perċentwali addizzjonali ta' intensità tal-għajnuna pubblika kif hemm provdut f'dak l-Anness għandhom japplikaw kif ġej:

(a) jekk bosta żidiet f'punti perċentwali huma applikabbli skont l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, biss l-akbar minn dawn iż-żidiet jista' japplika;

(b) jekk bosta tnaqqis f'punti perċentwali huwa applikabbli skont l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, biss l-akbar minn dan it-tnaqqisjista' japplika;

(c) jekk operazzjoni tista' tibbenefika minn wieħed jew bosta żidiet addizzjonali ta' punti perċentwali u fl-istess ħin tnaqqis jew aktar ta' punti perċentwali huwa applikabbli kif imsemmi fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, għandu japplika l-akbar tnaqqis biss;

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 773/2014

## tal-15 ta' Lulju 2014

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 KG)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MK | 97,3 |
| | TR | 67,6 |
| | ZZ | 82,5 |
| 0707 00 05 | AL | 74,4 |
| | MK | 27,7 |
| | TR | 75,8 |
| | ZZ | 59,3 |
| 0709 93 10 | TR | 91,4 |
| | ZZ | 91,4 |
| 0805 50 10 | AR | 108,1 |
| | BO | 89,3 |
| | TR | 155,1 |
| | UY | 111,5 |
| | ZA | 123,5 |
| | ZZ | 117,5 |
| 0808 10 80 | AR | 124,0 |
| | BR | 90,0 |
| | CL | 122,8 |
| | NZ | 132,8 |
| | US | 142,6 |
| | ZA | 147,0 |
| | ZZ | 126,5 |
| 0808 30 90 | AR | 75,7 |
| | CL | 144,1 |
| | NZ | 191,9 |
| | ZA | 119,1 |
| | ZZ | 132,7 |
| 0809 10 00 | BA | 82,8 |
| | MK | 85,8 |
| | TR | 234,2 |
| | XS | 85,6 |
| | ZZ | 122,1 |
| 0809 29 00 | TR | 309,3 |
| | ZZ | 309,3 |
| 0809 30 | MK | 71,0 |
| | TR | 148,6 |
| | XS | 50,2 |
| | ZZ | 89,9 |
| 0809 40 05 | BA | 63,2 |
| | ZZ | 63,2 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 774/2014

## tal-15 ta' Lulju 2014

## li jistabbilixxi d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mis-16 ta' Lulju 2014

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 183 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 [2] jipprevedi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1001 11 00, 1001 19 00, dak li kien il-kodiċi 1001 91 20 [il-qamħ komuni għaż-żrigħ], dak li kien il-kodiċi 1001 99 00 [il-qamħ komuni ta' kwalità għolja minbarra dak għaż-żrigħ], 1002 10 00, 1002 90 00, 1005 10 90, 1005 90 00, 1007 10 90 u 1007 90 00, id-dazju tal-importazzjoni huwa daqs il-prezz tal-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt tal-importazzjoni tagħhom, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz tal-importazzjoni tas-CIF applikabbli għall-kunsinna kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata tad-dazju tat-Tariffa Doganali Komuni.

(2) L-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 jipprevedi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu, kull tant żmien għandhom jiġu stabbiliti prezzijiet rappreżentattivi tal-importazzjoni tas-CIF għall-prodotti kkonċernati.

(3) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, il-prezz tal-importazzjoni li għandu jintuża għall-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dak ir-Regolament huwa l-prezz rappreżentattiv tal-importazzjoni tas-CIF tal-ġurnata stabbilit skont il-metodu previst fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

(4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji tal-importazzjoni għall-perjodu li jibda fis-16 ta' Lulju 2014, li jkunu applikabbli sa ma jidħlu fis-seħħ dazji tal-importazzjoni ġodda.

(5) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, jeħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Mis-16 ta' Lulju 2014, id-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament abbażi tal-fatturi msemmija fl-Anness II.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*f'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Id-Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 tal-20 ta' Lulju 2010 dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar id-dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali (ĠU L 187, 21.7.2010, p. 5).

*ANNESS I*

## Id-dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 li japplikaw mis-16 ta' Lulju 2014

| Il-Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni tal-prodotti | Dazju tal-importazzjoni ([1]) (EUR/t) |
|---|---|---|
| 1001 11 00 | QAMĦ durum għaż-żrigħ | 0,00 |
| 1001 19 00 | QAMĦ durum ta' kwalità għolja minbarra dak għaż-żrigħ | 0,00 |
| | ta' kwalità medja minbarra dak għaż-żrigħ | 0,00 |
| | ta' kwalità baxxa minbarra dak għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 91 20 | QAMĦ komuni għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 99 00 | QAMĦ komuni ta' kwalità għolja minbarra dak għaż-żrigħ | 0,00 |
| 1002 10 00 | SEGALA għaż-żrigħ | 5,32 |
| 1002 90 00 | SEGALA minbarra dik għaż-żrigħ | 5,32 |
| 1005 10 90 | QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra l-qamħirrum ibridu | 5,32 |
| 1005 90 00 | QAMĦIRRUM minbarra dak għaż-żrigħ ([2]) | 5,32 |
| 1007 10 90 | SORGU tal-qamħ minbarra dak ibridu għaż-żrigħ | 5,32 |
| 1007 90 00 | SORGU tal-qamħ minbarra dak għaż-żrigħ | 5,32 |

([1]) Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fid-dazji ta':

— EUR 3 għal kull tunnellata, jekk il-port tal-ħatt ikun jinsab fil-Baħar Mediterran (lil hinn mill-Istrett ta' Ġibiltà) jew fil-Baħar l-Iswed u jekk il-merkanzija tasal fl-Unjoni mill-Oċean Atlantiku jew permezz tal-Kanal ta' Suez,

— EUR 2 għal kull tunnellata, jekk il-port tal-ħatt ikun jinsab fid-Danimarka, fl-Estonja, fl-Irlanda, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja, fir-Renju Unit jew mal-kosta tal-Atlantiku tal-Peniżola Iberika u jekk il-merkanzija tasal fl-Unjoni mill-Oċean Atlantiku.

([2]) L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 għal kull tunnellata jekk jitħarsu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 642/2010.

*ANNESS II*

## Fatturi għall-kalkolu tad-dazji stabbiliti fl-Anness I

1. Il-prezzijiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

*(EUR/t)*

| | Qamħ komuni [1] | Qamħirrum |
|---|---|---|
| Il-Borża | ta' Minneapolis | ta' Chicago |
| Kwotazzjoni | | |
| Primjum fuq il-Golf | — | |
| Primjum fuq l-Għadajjar il-Kbar | | — |

[1] Primjum pożittiv ta' 14-il euro għal kull tunnellata inkorporata (l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010).

2. Il-prezzijiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

| | |
|---|---|
| Spejjeż għat-trasport: Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam | 11,87 EUR/t |
| Spejjeż għat-trasport: L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam | 46,07 EUR/t |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-8 ta' Lulju 2014**

**li taħtar membri u membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-Ungerija**

(2014/462/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-listi tal-kandidati ppreżentati lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri u mill-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema,

Billi:

(1) Fid-Deċiżjonijiet tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2013 ([2]), il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2013 sat-30 ta' Novembru 2016, bl-eċċezzjoni ta' ċerti membri.

(2) Il-Gvern tal-Ungerija ppreżenta n-nomini ta' kandidati għal żewġ postijiet li jridu jimtlew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membru u membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għal Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-perijodu li jintemm fit-30 ta' Novembru 2016:

I. RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN

| Pajjiż | Membru | Supplenti |
|---|---|---|
| Ungerija | Is-Sinjura Katalin KISSNÉ BENCZE | Is-Sinjura Mariann GÉHER |

*Artikolu 2*

Il-Kunsill ser jaħtar il-membri u l-membri supplenti li għadhom ma ġewx innominati f'data aktar tard.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. C. PADOAN

([1]) ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.
([2]) ĠU C 358, 7.12.2013, p. 5.

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**tal-14 ta' Lulju 2014**

**li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' żejt mill-mikroalga *Schizochytrium sp.* bħala ingredjent ġdid tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet 2003/427/KE u 2009/778/KE**

*(notifikata bid-dokument C(2014) 4670)*

**(Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika)**

(2014/463/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

(1) L-ispeċifikazzjoni taż-żejt mill-mikroalga *Schizochytrium sp.* ġiet stabbilita u t-tqegħid tiegħu fis-suq ġie awtorizzat f'bosta ikel f'ċertu livelli massimi tal-użu bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/427/KE ([2]). L-ewwel estensjoni tal-użi taż-żejt mill-mikroalga *Schizochytrium sp.* ingħatat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/778/KE ([3]).

(2) Fis-16 ta' Jannar 2013, lill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit, il-kumpanija DSM Nutritional Products talbithom estensjoni tal-użi taż-żejt mill-mikroalga *Schizochytrium sp.* bħala ingredjent ġdid tal-ikel. B'kuntratt datat it-30 ta' Ġunju 2012, il-kumpanija DSM Nutritional Products akkwistat lill-kumpanija Martek Biosciences li kienet id-destinatarju tad-deċiżjonijiet preċedenti.

(3) Fid-29 ta' April 2013 il-korp kompetenti tal-valutazzjoni tal-ikel tar-Renju Unit ħareġ rapport ta' valutazzjoni inizjali. Dak ir-rapport jikkonkludi li l-estensjoni tal-użi ta' dan iż-żejt tal-alga tissodisfa tissodisfa l-kriterji tal-ikel ġdid stabbilit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

(4) Fid-9 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni għaddiet ir-rapport ta' valutazzjoni inizjali lill-Istati Membri l-oħra.

(5) Matul il-perjodu ta' 60 jum stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97, tqajmu xi oġġezzjonijiet motivati. L-oġġezzjonijiet kellhom x'jaqsmu l-aktar mal-livelli għolja ta' konsum tal-aċidu dokosaeżaneojku (DHA). B'konformità mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97, trid issir Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tqis l-oġġezzjonijiet li saru. Għaldaqstant l-applikant biddel it-talba dwar l-ammont massimu ta' DHA fis-supplimenti tal-ikel. B'din il-bidla u spjegazzjonijiet oħra li ta l-applikant, ittaffa dan it-tħassib, u l-Istati Membri u l-Kummissjoni ġew issodisfati.

(6) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) tistabbilixxi rekwiżiti dwar is-supplimenti tal-ikel. Ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) jistabbilixxi rekwiżiti dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel. Id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) tistabbilixxi rekwiżiti dwar l-oġġetti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari Id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/8/KE ([7]) tistabbilixxi rekwiżiti dwar ikel maħsub sabiex jintuża f'dieti ta' restrizzjoni tal-enerġija għat-tnaqqis fil-piż. L-użu taż-żejt mill-mikroalga *Schizochytrium sp.* għandu jkun awtorizzat mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' dawk il-leġiżlazzjonijiet.

([1]) ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/427/KE tal-5 ta' Ġunju 2003 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' żejt mogħni bid-DHA (l-aċidu dokosaeżaneojku) mill-mikroalga *Schizochytrium sp.* bħala ingredjent ġdid tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 144, 12.6.2003, p. 13).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/778/KE tat-22 ta' Ottubru 2009 dwar l-estensjoni tal-użu taż-żejt tal-alga mill-mikroalga *Schizochytrium sp.* bħala ingredjent ġdid tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 278, 23.10.2009, p. 56).
([4]) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).
([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 26).
([6]) Id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-oġġetti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari (ĠU L 124, 20.5.2009, p. 21).
([7]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/8/KE tas-26 ta' Frar 1996 dwar ikel maħsub sabiex jintuża f'dieti ta' restrizzjoni tal-enerġija għat-tnaqqis fil-piż (ĠU L 55, tas-6.3.1996, p. 22).

(7) Minħabba ċ-ċarezza legali, id-Deċiżjonijiet 2003/427/KE u 2009/778/KE għandhom jitħassru u jinbidlu b'din id-Deċiżjoni.

(8) In-notifiki dwar it-tqegħid fis-suq ta' ingredjent sostanzjalment ekwivalenti għaż-żejt tal-alga kif jawtorizzaw id-Deċiżjonijiet 2003/427/KE u 2009/778/KE, li tressqu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 258/97, jibqgħu validi.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Iż-żejt mill-mikroalga *Schizochytrium sp.* kif jispeċifika l-Anness I, jista' jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni bħala ingredjent ġdid tal-ikel għall-użi definiti u fil-livelli massimi stabbiliti fl-Anness II mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/46/KE, ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006, id-Direttiva 2009/39/KE u d-Direttiva 96/8/KE.

*Artikolu 2*

Id-deżinjazzjoni taż-żejt mill-mikroalga *Schizochytrium sp.* awtorizzata b'din id-Deċiżjoni dwar it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom dan l-ingredjent, għandha tkun "żejt mill-mikroalga *Schizochytrium sp.*".

*Artikolu 3*

Għalhekk jitħassru d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2003/427/KE u 2009/778/KE.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil DSM Nutritional Products, 6480 Dobbin Road, Columbia, MD 21045, l-Istati Uniti.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*
Tonio BORG
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**SPEĊIFIKAZZJONI TA' ŻEJT MILL-MIKROALGA *SCHIZOCHYTRIUM SP.***

| Test | Speċifikazzjoni |
|---|---|
| Il-valur aċiduż | Mhux iktar minn 0,5 mg KOH/g |
| Il-valur perossidu (PV) | Mhux iktar minn 5,0meq/kg żejt |
| L-umdità u l-volatili | Mhux aktar minn 0,05 % |
| Sustanzi li ma jistgħux jinbidlu f'sapun | Mhux aktar minn 4,5 % |
| Aċidi grassi trans | Mhux aktar minn 1,0 % |
| Kontenut ta' DHA | Mhux anqas minn 32,0 % |

*ANNESS II*

**UŻI AWTORIZZATI TA' ŻEJT MILL-MIKROALGA *SCHIZOCHYTRIUM SP.***

| Kategorija tal-ikel | Livell massimu tal-użu tad-DHA |
|---|---|
| Prodotti magħmula mill-ħalib għajr xarbiet magħmula mill-ħalib | 200 mg/100 g jew għall-prodotti tal-ġobon 600 mg/100 g |
| Analogi magħmula mill-ħalib għajr xarbiet | 200 mg/100 g, jew 600 mg/100 g għal prodotti tal-ġobon |
| Xaħam li jiddellek u ħwawar | 600 mg/100 g |
| Ċereali tal-kolazzjon | 500 mg/100 g |
| Supplimenti tal-ikel | 250 mg DHA kuljum kif jirrakkomanda l-manifattur għal popolazzjoni normali<br>450 mg DHA kuljum kif jirrakkomanda l-manifattur għal nisa tqal u li jreddgħu |
| Ikel maħsub għall-użu f'dieti ristretti mill-enerġija għal tnaqqis fil-piż kif jissemma fid-Direttiva 96/8/KE | 250 mg għal kull sostitut tal-ikel |
| Ikel għal użi nutrizzjonali partikolari kif tiddefinixxi d-Direttiva 2009/39/KE ħlief il-formula tal-ikel tat-tfal żgħar u ta' prosegwiment | 200 mg/100 g |
| Ikel tad-dieta għal skopijiet mediċi speċjali | Skont ir-rekwiżiti nutrizzjonali partikolari tal-persuni li għalihom il-prodotti huma maħsuba |
| Prodotti tal-forn, (ħobż u panini), gallettini ħelwin | 200 mg/100 g |
| Biċċiet taċ-ċereali | 500 mg/100 g |
| Xaħam għat-tisjir | 360 mg/100 g |
| Xarbiet mhux alkoħoliċi (inklużi analogu tal-ħalib u xarbiet abbażi tal-ħalib) | 80 mg/100 ml |

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**tal-15 ta' Lulju 2014**

**li tidentifika l-prijoritajiet tal-Unjoni għall-politika ta' infurzar u kontroll fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd**

(2014/464/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat dwar il-Fond Ewropew tas-Sajd Marittimu,

Billi:

(1) Jeħtieġ li l-prijoritajiet tal-Unjoni għall-politika tal-infurzar u l-kontroll jiġu ddefiniti biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jħejju l-programmi operattivi marbutin mal-miżuri ffinanzjati skont ir-Regolament (UE) Nru 508/2014.

(2) L-appoġġ tal-Unjoni għandu jagħti prijorità lill-iżjed azzjonijiet effettivi biex titjieb l-effiċjenza fl-attivitajiet ta' kontroll, filwaqt li titqies il-prestazzjoni tal-Istati Membri biex implimentaw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 ([2]) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([3]).

(3) Il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-politika tal-infurzar u tal-kontroll għandhom jinkludu:

— L-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni skont l-Artikolu 102(4) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 biex jitneħħew in-nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll ta' Stat Membru,

— L-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi biex jiġu sodisfatti ċerti kondizzjonalitajiet *ex ante* stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, kif previst mill-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, fejn ma jiġux sodisfatti l-kondizzjonalitajiet, il-programm għandu jkun fih deskrizzjoni tal-azzjoni li għandha titwettaq li tinkludi l-miżuri li se jiġu ffinanzjati,

— L-implimentazzjoni tas-sistemi ta' validazzjoni tad-dejta kif previst fl-Artikolu 109 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, u b'mod partikolari l-proġetti li għandhom l-għan li jistabbilixxu l-interoperabbiltà bejn is-sistemi rispettivi tal-Istati Membri, billi sistema ta' rappurtar tal-qabdiet u tat-tentattivi sħiħa u affidabbli hija fattur ewlieni fil-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd tal-Unjoni,

([1]) ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

— L-infurzar u l-kontroll tal-obbligu li l-qabdiet kollha jittellgħu l-art, kif stipulat fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Dan l-obbligu ġdid huwa żieda importanti ħafna għall-Politika Komuni tas-Sajd il-ġdida, u ddaħħal biex jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tal-isfruttar tal-istokkijiet tal-ħut li jista' jinstad. L-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu l-ġdid se joħloq l-addattazzjonijiet fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri, li se jinvolvu nfiq ġdid,

— L-infurzar u l-kontroll tal-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qabdiet għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti tas-sajd kif stipulat fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008. L-implimentazzjoni tal-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qabdiet hija l-qofol tal-ġlieda kontra l-attivitajiet IUU (illegali, mhux rapportat u mhux regolat),

— Azzjonijiet effettivi li l-għan tagħhom hu li jinfurzaw l-limiti tal-kapaċità tal-flotot. Biex żgur ikun hemm bilanċ bejn l-opportunitajiet għas-sajd u l-kapaċità tas-sajd, l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-limiti tal-kapaċitajiet jiġu rispettati, u għandhom jimplimentaw proġetti li l-għan tagħhom ikun iċ-ċertifikazzjoni, il-verifikazzjoni u l-kejl tas-saħħa tal-magni li qed jintalab finanzjament għalihom,

— L-implimentazzjoni tal-Programmi Speċifiċi ta' Kontroll u Spezzjoni (SCIP) jew tal-koordinazzjoni tal-kontroll marbut ma' żona tas-sajd jew ma' żona li mhijiex koperta minn SCIP, skont l-Artikolu 95(4) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 ([2]). Dawn it-tipi ta' azzjoni jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kultura ta' konformità, għar-rinforz tal-kooperazzjoni fost l-Istati Membri, u joħolqu sinerġija bejn l-għodda ta' kontroll diversi,

— L-infurzar u l-kontroll tar-rekwiżiti tat-traċċabbiltà kif stabbilit fl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u l-Artikolu 67(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011 ([3]). L-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jeżiġi li l-lottijiet kollha tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura għandhom ikunu traċċabbli fl-istadji kollha tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni, mill-qbid jew il-ġbir sal-istadju tal-bejgħ bl-imnut. L-Artikolu 67(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011 jeżiġi li l-operaturi kollha jwaħħlu l-informazzjoni fuq il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura msemmijin fl-Artikolu 58(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 bħala għodda ta' identifikazzjoni, bħal kodiċi, barcode, ċippa elettronika jew mezz jew sistema ta' mmarkar simili; dan ir-rekwiżit japplika mill-1 ta' Jannar 2013 għall-prodotti minn żoni tas-sajd li jagħmlu parti minn pjan multiannwali, u mill-1 ta' Jannar 2015, għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura l-oħrajn kollha. L-infurzar u l-kontroll tar-rekwiżiti tat-traċċabbiltà għandhom ikunu prijorità tal-Unjoni. L-implimentazzjoni tas-sistema ta' traċċabbiltà hija l-qofol tal-politika ta' kontroll tas-sajd biex tkun żgurata t-trasparenza tal-oriġini tal-prodotti tas-sajd.

(4) Il-prijoritajiet tal-Unjoni għandhom jiġu applikati b'mod flessibbli, skont il-punti tajbin u l-punti dgħajfin tal-politika ta' infurzar u kontroll f'kull Stat Membru. Jekk Stat Membru jkun diġà indirizza ċerti prijoritajiet, dak l-Istat Membru għandu, fil-prinċipju, jindirizza prijoritajiet oħrajn.

(5) Skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-politika ta' infurzar u kontroll jistgħu jiġu emendati kull sentejn permezz ta' atti ta' implimentazzjoni biex jiġu addattati għall-ħtiġijiet tal-kontroll li jevolvu.

(6) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni immedjata tal-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni, din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-politika ta' infurzar u kontroll, kif imsemmijin fl-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni adottati skont l-Artikolu 102(4) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 biex jitneħħew in-nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll ta' Stat Membru;

---

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 tas-26 ta' April 2005 li jistabbilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1).

(b) l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet iddefiniti skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 biex tkun żgurata d-disponibbiltà tal-kapaċità amministrattiva li tikkonforma mal-implimentazzjoni ta' sistema ta' kontroll, spezzjoni u infurzar tal-Unjoni, kif stabbilit fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 508/2014;

(c) l-implimentazzjoni tas-sistemi ta' validazzjoni tad-dejta kif imsemmija fl-Artikolu 109 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, u b'mod partikolari l-implimentazzjoni ta' proġetti li jużaw formati standard komuni jew li jtejbu l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-Istati Membri;

(d) il-kontroll u l-infurzar tal-obbligu li l-qabdiet kollha jittellgħu l-art, kif stipulat fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, inklużi l-addattamenti marbutin mal-implimentazzjoni ta' dak l-obbligu fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri;

(e) il-kontroll u l-infurzar tal-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qabdiet stipulat fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, u

(f) l-implimentazzjoni ta' proġetti li l-għan tagħhom huwa ċ-ċertifikazzjoni, il-verifika u l-kejl tas-saħħa tal-muturi;

(g) l-implimentazzjoni tal-programmi speċifiċi ta' kontroll u ta' spezzjoni stabbiliti b'konformità mal-Artikolu 95(4) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(h) il-koordinazzjoni tal-kontroll skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 768/2005;

(i) il-kontroll u l-infurzar tar-rekwiżiti tat-traċċabbiltà, fosthom is-sistemi ta' tikkettar biex ikun żgurat li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni affidabbli, kif stipulat fl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u l-Artikolu 67(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT